**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**11 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 116/2021**

**Pawlu Sciberras**

**Vs**

**Awtorità tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Pawlu Sciberras** ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Peress illi l-esponenti huwa propjetarju ta' mobile kiosk [Gabbana], debitament liċenzjata biex topera bħala Gabbana, li jixtieq li temporanjament, għal ħames (5) xhur fis-sena u cioe` minn Mejju sa Settembru ta' kull sena fi żmien l-istaġun tas-sajf, din il-gabbana titniżżel bil-crane u titpoġġa taħt is-Sur tal-Belt, Valletta taħt t-Triq il-Mediterran u tirrendi servizz lil kull min jkun qiegħed mal-baħar tant sular l-isfel mil-livell tat-triq;*

*Peress illi l-esponenti applika għall-kunsens tal-Awtorita` appellata biex jkun jista' jissottometti applikazzjoni a tenur tal-Artikolu 71(4) tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta [Land File No. L911/1964] [Application No GLA 12/2021/0783] u għalhekk jkun jista' jottjeni permess mingħand l-istess Awtorita` appellata għall-encroachment fuq t-territorju fejn jkun jista' ipoġġi l-imsemmija Gabbana temporanjament għax-xhur tas-sajf;*

*Peress din l-imsemmija applikazzjoni lill-Awtorita` appellata ġiet rifjutata minħabba: The Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of permanent kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development.*

*Peress illi ħadd ma talab lill-imsemmija Awtorita` -*

- *Piecemeal requests, u wisq anqas*
- *Establishment of permanent kiosk.*

*Peress illi żmien ilu u cioe` fis-sena elfejn u dsatax (2019) l-esponenti kien ġja applika darb'oħra għall-istess permess mill-Awtorita' tal-Artijiet sabiex din il-gabbana tkun tista' titpoġġa taħt is-Sur, liema permess ġie approvat fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019). Madanakollu minħabba l-pandemija tal-Covid19 l-esponenti ddeċieda li ma jipproċediex dak iż-żmien bit-tpoġġija tal-gabbana taħt is-Sur;*

*Peress illi għas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), b'awtoriżazzjoni mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta li ma sab l-ebda oġġezzjoni li jagħti lill-esponenti permess fuq permess minn xahar għal xahar, l-esponenti ugwalment opera l-gabbana mill-istess territorju, liema spejjeż sabiex il-gabbana titniżżel u tittella' huma a karigu tal-esponenti;*

*Peress illi l-esponenti ġie mogħti il-permess għad-dawl sabiex ikun jista' jopera mill-gabbana tul iż-żmien li din titpoġġa taħt is-Sur. Kif juri l-istess servizz tal-elettriku, n-natura ta` din il-gabbana hija waħda temporanja, u mhux waħda permanenti;*

*Peress illi l-Gvern għandu garanzija li wara l-perijodu stipulat din l-gabbana ser titneħħa minn taħt is-Sur u tittella minn taħt is-Sur, jekk xejn minħabba l-maltemp li jara s-sit in kwistjoni;*

*Peress illi r-rikorrenti jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorita` appellata.*

*Għaldaqstant, filwaqt illi jagħmel referenza għall-atti kollha rilevanti u għas-sottomissjonijiet suesposti, b'riserva għal sottomissjonijiet ulterjuri, jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiddikjara illi d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet mogħtija fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2021) hija nulla, invalida u mingħajr effett, u/jew iħassar u jirrevoka l-imsemmija Deċiżjoni."*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fit-30 ta' Novembru 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent appellant preżenta talba quddiem l-Awtorita' esponenti għall-*

*'Placing of Temporary Kiosk (seasonal between May and September ) at site at St. Lazzarus Curtain, Mediterranean Street, Valletta*

*Illi din it-talba ġiet rifjutata mill-Awtorita' tal-Artijiet, permezz ta' ittra datata wieħed u għoxrin ta' Ottubru, elfejn wieħed u għoxrin, peress li :-*

*The Lands Authority cannot acceed to piecemeal requests for the estbalishement of permanent kiosks sites on public land which has not been planned for this type of development*

*Illi l-Appellant ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u għalhekk interpona dan l-appell;*

*Illi l-Awtorita' tal-Appella tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-Rikorrent:-*

*I.Illi t-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda stante li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' hija waħda ġusta fil-forma fis-sustanza liema deċiżjoni ġiet meħuda wara li ġew ikkunsidrati numru ta' fatturi relevanti.*

*II.Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorita' tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons";*

*III. Illi għalhekk isegwi illi l-Awtorita' intimata kienet fil-limiti tad-diskrezzjoni meta ċaħdet l-applikazzjoni odjerna*

*IV.Illi fl-ewwel aggravju tiegħu ir-rikorrent jgħid li ħadd ma talab lill-Awtorita' intimata ' biex tagħmel piecemeal requests u wisq anqas establishment of permanent kiosk'. Illi mill-provi prodvuti waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża ser jirriżulta li bl-applikazzjoni tar-rikorrenti kienet ser tiġi spezzetata biċċa art. Inoltre , il-fatt li dan il-kiosk kien ser ikun staġjonali ma jfissirx li il-kiosk mhux ser ikun permanenti għall-ammont ta' xhur matul is-sena. Illi r-rikorrent qed jonqos milli jara d-differenza bejn staġjonalita' u temporanju;*

*V.Illi fit-tieni aggravju ir-rikorenti isemmi l-fatt li kien diġa ingħatalu permess mill-istess Awtorita' fuq dan il-kiosk fis-sena elfejn u dsatax (2019). Illi jekk dan verament jirriżulta, permess tal-passat ma jistax jorbot applikazzjoni li tkun saret wara u d-diskrezzjoni li l-Awtorita' tista teżerċita f'kull applikazzjoni, speċjalment meta qed nitkellmu fuq titolu li mhux b'saħħtu bħal dak ta' encroachment , li ma jagħti l-ebda jedd pretiż jew assolut lill-applikant;*

*VI.Illi bl-istess mod , il-fatt li fit-tielet aggravju , ir-rikorrent qed jgħid li ngħata permess tad-dawl , ma għandu jorbot xejn mad-deċiżjoni tal-Awtorita intimata fuq l-applikazzjoni tal-każ de quo*
*VII.Illi l-Awtorita intimata b'risposta għas-sitt aggravju fejn ir-rikorrent qed jgħid li l-Awtorita' għandha garanzija li l-gabbana ser titneħħa ,meta ma tkunx qed tintuża minħabba l-maltemp, tiribaddixi li l-fatt li l-gabbana ser tkun fuq is-sit indikata f'ċertu xhur biss ma jfissirx li ser tkun temporanja, iżda jfisser li ser tkun b'mod permanenti għal diversi xhur minflok tul ix-xhur kollha tas-sena;*
*VIII.Illi inoltre huwa fl-obbligu tal-Awtorita' tal-Artijiet li tamministra l-art bl-aħjar mod possibli f'isem l-interessi tal-poplu Malti u Għawdxi u allura għandha kull dritt li ma taċċetax applikazzjoni jekk tħoss li b'dik l-applikazzjoni l-art mhux ser tiġi amministrata bl-aħjar mod possibli ;*
*IX.Illi l-Awtorita' tal-Artijiet qed tirriserva li tipprovdi risposti ulterjuri għall-aggravji imqanqla;*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet."*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 21 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu sabiex ipoġġi *kiosk* temporanju fuq is-sit taħt is-Sur ta' San Lazzaru, Triq il-Mediterran, il-Belt Valletta kienet qiegħda tiġi miċħuda għas-segwenti raġuni, u cioe`:

*"The Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of permanent kiosk sited on public land which has not been planned for this type of development."*

Illi jirriżulta illi fl-14 ta' Ottubru 2021 l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ħarġet Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq fil-konfront tal-Awtorita` intimata fir-

rigward tas-sit in kwistjoni peress li kien hemm ksur tal-kontroll tal-ippjanar konsistenti fis-segwenti, u cioe:`

1. ***Tpoġġiet gabbana bi strutturi anċillari mal-użu kummerċjali (bar, fridges u freezer);***

2. ***Twaħħlet tinda magħmula minn "insulation panels", li ssaqqaf l-imsemmija gabbana u l-istrutturi anċillari;***

3. ***Twaħħal "fence" tal-injam u ħbula madwar il-pjattaforma tal-konkos u t-taraġ adjaċenti;***

4. ***Tpoġġew imwejjed, siġġijiet u umbrelel fuq l-imsemmija pjattaforma;***

5. ***Twaħħlu bnadar b'riklam mal-imsemmija "fence".***

Fl-istess Avviż, l-Awtorita` tal-Ippjanar iddikjarat li dan kollu wassal ukoll biex inbidel l-użu tas-sit minn wieħed stabbilit ta' ħażna għad-dgħajjes għal użu kummerċjali fejn jisserva ikel u xorb.

Kieron Ellul, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi l-Awtorita` ma kinitx qiegħda tagħti permessi ta' *encroachment* għal *kiosks* sakemm ma jkunx hemm *master plan* għas-sit patikolari li dwaru tkun saret l-applikazzjoni.

Ir-rikorrent spjega illi fl-2019 huwa kien ottjena *no objection in principle* da parti tal-Awtorita` intimata sabiex jipproċedi mal-Awtorita` tal-Ippjanar biex ipoġġi *kiosk* temporanju fis-sit in kwistjoni. Għalhekk huwa applika mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar tramite l-Perit tiegħu. Jispjega li l-Awtorita` tal-Ippjanar kienet talbet lill-Perit tiegħu jirtira l-applikazzjoni peress li l-gabbana kienet ta' natura temporanja u għalhekk ma kinitx taqa' fir-*remit* tagħha iżda fir-*remit* tal-Kunsill Lokali u l-Awtorita` ta' l-Artijiet. Jispjega li fl-2020 ma kompliex bil-proċess peress li kien hawn il-pandemija tal-Covid 19 pero` fl-2021 ried li jibda jopera u għalhekk ottjena permess mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta biex jopera minn xahar għal xahar. Għaldaqstant huwa applika għad-dawl ta' ġewwa l-gabbana biex ikun jista' jħaddem l-apparat bħal *fridges, microwaves u cookers* u f'April 2021 niżżel il-gabbana u reġa' tellagħha fid-19 ta' Settembru 2021. Jispjega li mbagħad fil-21 ta' Ottubru 2021 irċieva d-deċiżjoni appellata.

**Ikkunsidra:**

Illi minn dak li xehed l-uffiċjal tal-Awtorita` intimata Kieron Ellul jirriżulta li minn xi żmien 'l hawn l-Awtorita` intimata bdiet tħaddan *policy* li ma jingħatawx siti b'*encroachment* għat-tpoġġija ta' gabbani, kemm temporanji u kemm ta' natura permanenti.

Illi bħala fatt jirriżulta illi fid-29 ta' Awwissu 2019 l-Awtorita` intimata kienet ħarġet *no objection in principle* għat-talba tar-rikorrent biex ipoġġi l-gabbana mertu tal-kwistjoni taħt is-Sur ta' San Lazzaru ġewwa l-Belt Valletta.[1] Fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorita` intimata kienet għamlitha ċara illi dan in-nuqqas ta' oġġezzjoni ma kienx jorbotha dwar il-ħruġ tal-*encroachment* u rriservat id-dritt li tirrifjuta li tagħti l-permess finali anke wara li jkun ħareġ permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar.

Jirriżulta li fil-fatt ir-riserva li kienet għamlet l-Awtorita` intimata fil-fatt seħħet għaliex it-talba għal *encroachment* għal gabbana fuq is-sit in kwistjoni ġiet miċħuda.

Jirriżulta illi bejn l-ewwel deċiżjoni u d-deċiżjoni appellata kien hemm bdil fit-tmexxija tal-Awtorita` intimata fejn wara l-istess bdil kienet ingħatat direzzjoni mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata li ma jingħatawx *encroachments* għal gabbani sakemm ma jkunux f'żona fejn hemm *master plan*.

Illi dan it-Tribunal diġa' kellu l-okkażjoni jesprimi ruħu fuq din id-direzzjoni jew *policy*. Illi għalkemm l-Awtorita` intimata obbligat ruħha li tesebixxi din il-*policy* f'dawn il-proċeduri, dan baqa' ma sarx u għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jiskrutinizzaha iżda jkollu joqgħod biss fuq dak li qal Kieron Ellul, fejn l-istess qal li din id-direzzjoni ġiet komunikata lilu permezz ta' emejl.

Illi kif qal diversi drabi dan it-Tribunal, il-*policies* tal-Awtorita` intimata għandhom jiġu ppubblikati sabiex il-pubbliku in ġenerali jkun konxju tagħhom. Filwaqt li t-Tribunal jifhem illi bdil fit-tmexxija ta' awtorita` pubblika jista' jġib miegħu xi bdil fil-*policies,* madanakollu fejn tkun ħarġet *no objection* għal xi proposta, ma tistax f'nofs triq tbiddel id-direzzjoni b'mod li dak li jkun ottjena n-*no objection* jiġi preġudikat mingħajr ma tkun tbiddlet l-ebda ċirkostanza oħra. Sakemm ma jkunx hemm xi tibdil materjali u sostanzjali mill-proposta u ċ-ċirkostanzi li evalwat l-Awtorita` meta kienet qiegħda tiddeċiedi l-applikazzjoni għan-*no objection,* mhux raġjonevoli li f'daqqa waħda l-Awtorita` tbiddel ir-rotta tagħha u tinjora dak li jkun sar qabel. Filwaqt, li jerġa' jiġi ribadit, li awtorita` pubblika għandha

[1] Dok PS2 a fol. 57

kull dritt u obbligu li tmexxi ‘l quddiem il-*policies* tagħha, dan ma tistax tagħmlu b’mod ġenerali mingħajr ma tqis li ma kinitx oġġezzjonat fil-prinċipju. Ma jagħmilx sens li persuna tgħidlu li m’għandekx oġġezzjoni għal dak propost u tħallih imexxi l-applikazzjoni mal-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u mbagħad meta jiġi biex japplika għall-permess finali, sakemm ma tinbidel l-ebda ċirkostanza materjali, tiċħad li tagħtieh tali permess.

Illi madanakollu dan it-Tribunal irid iqis prova importanti li ġiet sottomessa f’dawn il-proċeduri, u cioe` Ordni ta’ Infurzar maħruġa mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fil-konfront tal-Awtorita` intimata fir-rigward tas-sit in kwistjoni. Jirriżulta illi fuq is-sit fejn ir-rikorrent poġġa l-gabbana tiegħu, wara li ottjena permessi mingħand il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, kien bi ksur tal-Att Dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Minn dak relatat fl-istess Ordni ta’ Infurzar, l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ordnat lill-Awtorita` intimata treġġa’ s-sit kif kien qabel seħħ l-iżvilupp imsemmi fl-istess ittra. Illi safejn jirriżultalu dan it-Tribunal, dan l-iżvilupp sar mir-rikorrent mingħajr ebda permess tal-Awtorita` intimata u dan meta kien ben konsapevoli li ma kellux tali permess.

Illi pero`, lil hinn minn dan kollu, dan it-Tribunal irid jissindika jekk ir-raġuni mogħtija fid-deċiżjoni appellata kinitx waħda raġjonevoli u ġusta fiċ-ċirkostanzi. Illi kif ġie spjegat iktar ‘il fuq, l-Awtorita` qiegħda timxi b’riga waħda għal kull talba li ssirilha għal permess ta’ *encroachment* biex titpoġġa gabbana fuq art pubblika, u dana sakemm ma jkunx hemm *master plan* fis-seħħ fiż-żona partikolari. Dan it-Tribunal diġa’ kellu l-okkażjoni jesprimi ruħu fir-rigward ta’ din id-direzzjoni. Fil-fehma tat-Tribunal din il-*policy* li qed tiġi adoperata mhix raġjonevoli. Kull każ għandu l-fatti speċi tiegħu u għandu jiġi eżaminat u evalwat fuq il-merti tiegħu. It-Tribunal iqis li dan l-Awtorita` intimata tista’ faċilment tagħmlu għaliex it-tip ta’ permess li tagħti f’dawn il-każijiet huwa dak ta’ *encroachment*, liema permess jista’ jiġi revokat fi kwalunkwe perjodu u ma jagħti l-ebda titolu fuq l-art. It-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Kenneth Tabone vs Awtorita` ta’ l-Artijiet** deċiża fit-12 ta’ April 2022, fejn intqal is-segwenti:

*“Illi fir-rigward tad-direzzjoni in kwistjoni, dan it-Tribunal isib li din mhix waħda raġjonevoli għaliex qiegħda taqta’ linja dritta, mentri fil-fehma tat-Tribunal m’għadhiex tiġi applikata across the board. It-Tribunal japprezza illi jeżistu ċerti żoni f’Malta fejn hemm lok li jiġi formulat pjan regolatorju fejn jaħseb ukoll għal tpoġġija ta’ kiosks. Pero` ċertament is-sit fejn intalab il-permess de quo mhux wieħed minnhom. Dan a differenza pereżempju ta’ sit ieħor mertu ta’ kawża oħra li kellu quddiemu dan it-Tribunal fl-ismijiet Alfred Borg vs Awtorita` ta’ l-Artijiet deċiża fis-16 ta’ Jannar 2022. Fl-imsemmija kawża l-appellant talab għal encroachment fil-bajja tal-Armier.*

*Dak is-sit ċertament jista' jsir ppjanar fuqu. Pero` s-sit in kwistjoni, li huwa preċiżament daħla fi triq prinċipali f'Burmarrad, ċertament ma jistax jitqabbel mal-inħawi tad-Dwejra f'Għawdex, liema eżempju ssemma' mill-Kap Eżekuttiv fix-xhieda tiegħu, jew fil-viċinanzi ta' xi bajja oħra f'Malta. Kwindi dan it-Tribunal iqis li d-direzzjoni b'mod ġenerali li qiegħda tiġi applikata mill-Awtorita' intimata hija waħda irraġjonevoli fiċ-ċirkostanzi. It-Tribunal jirrileva illi filwaqt li l-Awtorita` intimata' tibqa' finalment il-korp li għandu jara kif jista' jsir l-aħjar użu tal-art pubblika, u ħadd m'għandu jippretendi bi dritt li jiġi konċess lilu kwalunkwe titolu fuq art pubblika, ma tistax tattwa dan id-dmir b'din id-direzzjoni, fil-fehma tiegħu, daqshekk drakonjana. Dan iktar u iktar meta ma waqqfitx l-encroachments eżistenti tad-diversi kiosks oħra li hawn f'pajjiżna. Illi din id-direzzjoni se tkun qed tagħti lok għal aktar abbuż u dan kif anke ġie ppruvat fil-kawża odjerna b'dan illi ċ-ċittadin jibda ma jitlobx għall-permessi ta' encroachment u xorta jpoġġi kiosks fuq art pubblika u dan stante li skont din id-direzzjoni għandu l-kważi ċertezza li permess mhux se jingħatalu.*

*Illi kwindi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` għandha tagħmel eżerċizzju estensiv u tindividwa liema huma dawk iż-żoni fejn hemm bżonn isir masterplan biex jiġu akkomodati diversi interessi kummerċjali filwaqt li żżomm quddiem għajnejha t-tgawdija tal-pubbliku tal-art pubblika, u min-naħa l-oħra fejn hemm żoni li ma jirrikjedux, jew mhux indikat, li jsir masterplan tiddeċiedi dwarhom fuq bażi individwali."*

Illi mingħajr ma dan it-Tribunal jidħol fil-kwistjoni jekk hux meħtieġ jew le li jsir *master plan* fiż-żona in kwistjoni, huwa tal-fehma illi l-applikazzjoni odjerna għandha tiġi deċiża fuq il-merti tagħha u mhux tiġi applikata *standard reason* li fl-opinjoni tat-Tribunal qiegħda tiġi użata biex l-Awtorita` ma tikkunsidrax bis-serjeta` kull applikazzjoni fuq il-merti tagħha. It-Tribunal huma tal-fehma illi jekk *semmai* l-Awtorita` intimata jidhrilha għal raġunijiet validi li ma taqbilx li titpoġġa gabbana fuq is-sit in kwistjoni hija għandha tagħti r-raġunijiet tagħha għal tali deċiżjoni, pero` ċertament ma tistax titfa' kull applikazzjoni fl-istess qoffa u tiċħadha abbażi ta' "a standard reason".

Illi b'danakollu dan it-Tribunal jagħmilha ċara illi r-rikorrent m'għandux jieħu din id-deċiżjoni li tfisser illi huwa għandu xi permess mill-Awtorita` intimata sabiex jerġa' jniżżel il-gabbana fuq is-sit in kwistjoni, dan iktar u iktar meta l-istess Awtorita` ġiet rinfaċċjata b'Ordni ta' Infurzar da parti ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar għal żvilupp li seħħ mir-rikorrent. Dan ifisser illi sakemm terġa' tittieħed deċiżjoni r-rikorrent m'għandu ebda permess jerġa' jniżżel il-gabbana fis-sit in kwistjoni.

Illi dwar il-fatt li r-rikorrent, jekk jingħata l-permess, se jkun qiegħed iniżżel il-gabbana fuq is-sit għal numru ta' xhur fis-sena ma jfissirx illi l-gabbana tista tiġi kkunsidrata bħala waħda temporanja. B'temporanjeta' dan it-Tribunal jifhem għal żmien qasir bħal pereżempju meta jkun hemm xi attivita` bħal xi okkażjoni ta' festi jew xi kunċert. Filwaqt li hu minnu li fix-xhur tax-xitwa l-gabbana mhux se titħalla hemm, dan it-Tribunal ma jistax jaqbel illi l-perjodu li l-gabbana se tkun qiegħda fuq is-sit in kwistjoni jista' jiġi kkunsidrat bħala wieħed temporanju anke jekk mhux se tibqa' hemm is-sena kollha.

Illi fl-aħħarnett it-Tribunal huwa tal-fehma wkoll illi għandu jkun hemm ftit iktar ko-ordinazzjoni bejn l-Awtorita` intimata u l-Kunsilli Lokali sabiex kull entita` tifhem il-parametri tal-poteri tagħha sabiex ma jkunx hemm ir-riskju li ċ-ċittadin ikun taħt l-impressjoni li jkun qiegħed jopera skont il-liġi, meta fil-fatt dan ma jkunx il-każ.

**DECIDE**

Għaldaqstant, fit-termini hawn fuq premessi, it-Tribunal qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jiċħad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż a karigu tal-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**